MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 18/1984/1

**Joseph Debono u Joseph Debono**
**u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Jannar 1991 l-atti gew trasfuzi f'isem Joseph Debono bin Joseph u Salvatore Debono stante l-mewt ta' Joseph Debono fil-mori tal-kawza**
**U b'digriet tat-13 ta' Novembru 2002 l-atti gew legittimati fil-persuna ta' Maria Debono stante l-mewt ta' Salvatore Debono fil-mori tal-kawza.**

**-vs-**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi konvenut minghajr l-ebda dritt qabad u ghalaq il-bieb tal-post li jghidulu “Ta’ Nixxet” f’Sansun Street, Xewkija, li minnu l-atturi ghandhom dritt ta’ passagg ghar-raba taghhom li qieghed f’Sansun Street, Xewkija;

Premess illi dan ix-xoghol sar fis-16 ta’ Dicembru 1983, u li ghalhekk il-konvenut ikkommetta spoll ghad-dannu ta’ l-attur;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll ghad-dannu ta’ l-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju jerga’ jirrintegra lill-atturi fid-dritt ta’ passagg taghhom fuq imsemmi, billi jerga’ jiftah l-istess bieb fil-post “Ta’ Nixxet” Sansun Street, Xewkija;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jifthu l-istess bieb a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi, l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarment, in-nullita` tac-citazzjoni odjerna, stante li l-atturi qeghdin jezercitaw l-azzjoni possessorja u dik petitorja konfuzament f’citazzjoni wahda;

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, illi bix-xoghol li fil-fatt sar mill-eccipjenti fil-fond numru hmistax, Triq Sansun, ix-Xewkija, l-istess eccipjenti kien qieghed biss jezercita d-drittijiet tieghu skond il-ligi;

3. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fit-3 ta' Frar 1989 rigward l-ewwel eccezzjoni fejn l-istess Qorti iddikjarat in-nullita` tac-citazzjoni;

Rat id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-21 ta' Gunju 1991 li permezz taghha rrevokat is-Sentenza tal-Qorti tal-Kummerc u baghtet lura quddiem din l-Qorti l-process ta' din il-kawza ghall-kontinwazzjoni u eventwali decizjoni skond il-ligi;

Rat id-digriet tat-3 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC Joseph Huntingford biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu AIC Joseph Huntingford gie sostitwit fl-istess inkarigu u fakoltajiet bl-AIC Frederick Doublet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 96 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta' Dicembru 1997;

Rat in-noti pprezentati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Mill-punto di vista strettament legali l-konvenut tajjeb irraguna illi l-azzjoni petitorja u l-azzjoni possessorja m'ghandhomx jigu konfuzi flimkien f'citazzjoni wahda. Dan huwa pacifiku. Fir-rigward is-sentenza fl-ismijiet

"**Massa -vs- Padre Angelico Pace noe**", Vol. XXI P I p 488 hekk irriteniet:-

"*La giurisprudenza e` stata sempre costante nella interpretazione delle leggi vigenti proibitiva del cumulo delle due azioni, la possessoria e la petitoria, essendo di ordine pubblico ed espressamente in modo assoluto vietato dalla legge.*"

Fil-kaz *de quo*, kif rettament osservat il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tal-21 ta' Gunju 1991, fuq l-appell interpost mill-attur, mill-indoli tac-citazzjoni kien hemm elementi bizzejjed in sostenn tal-fatt li x-xorta ta' azzjoni proposta kienet konformi ghal dak li tirrikjedi azzjoni ta' spoll;

Una volta dan kien hekk determinat, imbaghad "il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, skond il-ligi, bla ma tidhol fil-petitorja" ("**G. Spiteri et -vs- P.Camenzuli**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Mejju 1981 u "**Ersilia Zahra -vs- Aurelio Carabott**" a Vol. XXXIX P I p 315);

Il-fatt tal-pussess huwa wiehed mir-rekwiziti essenzjali ta' l-azzjoni agitata mill-attur u l-indagini ta' dina l-Qorti ser ikun limitat preponderantement ghal dan il-fatt, anke ghaliex il-konvenut jaccetta illi kien hu li ghalaq jew ordna li jinghalaq il-bieb li minnu kien jaccedi l-attur ghall-ghalqa tieghu (ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami quddiem il-perit gudizzjarju fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 1995). Hekk ukoll jaccetta li l-azzjoni giet intavolata fiz-zmien ix-xahrejn prefiss mil-ligi, tant li l-eccezzjoni ulterjuri tieghu f'dan il-kuntest giet minnu sussegwentement irtirata. Dan hu konfermat mil-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' April 1999;

Biex jinghad kollox fis-sottomissjonijiet orali l-konvenut illimita l-linja difensjonali tieghu dwar l-indagini jekk fil-kaz in ispecie kienx jirrikorri dan ir-rekwizit, dak cioe` tal-pussess vantat mill-attur;

Jinghad fis-sentenza "**Camilleri -vs- Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Ottubru 1882 "*All' attore in*

*reintegrazione e` suficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione, anche talora privo di causa giuridica ...*". Huwa bizzejjed ghalhekk li l-pussess fl-ispoljat ikun wiehed kwalunkwe anke merament materjali u di fatto; anke pussess qasir hafna u sahansitra pusses momentaneju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll ("**Annetto Xuereb Montebello et -vs- Paolina Magri et**", Appell Civili, 19 ta' Gunju 1953; "**Nazzarena Sant et -vs- Rita Sammut**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996; "**Mariano Farrugia et -vs- Peter Paul Cutajar et"**, Appell, 6 ta' Ottubru 2000; "**Paul Buttigieg -vs- Raymond Buttigieg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Jghodd ukoll in subjecta materja l-insenjament ta' dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Vella -vs- Giovanni Vella**", 4 ta' Novembru 1957, u fejn ukoll tittratta minn spoll ta' dritt ta' passagg:

"Ghall-azzjoni ta' spoll bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali "*di fatto*", kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga, kif ukoll il-pussess "di diritto" ta' min ikun akkwista l-haga, u qabel ma tkun sahsansitra saritlu l-konsenja taghha; anke din ix-xorta ta' pussess, skond id-dottrina, bizzejjed biex tintitola ghall-azzjoni ta' spoll (Ricci, Diritto Civile, Vol. V no. 109; Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. III no. 50)."

Mill-provi prodotti irrizulta li missier l-attur kien fl-1961 xtara l-ghalqa "Il-Mandra", ix-Xewkija, bi dritt ta' passagg minn fuq proprjeta` ta' terzi, li, kif aktar tard fl-1972 korrett, jinghad li dan il-passagg huma mill-post fi Triq Sansun, illum proprjeta` tal-konvenut.  L-attur, isostni, li ghajr ghal xi perjodu ta' snin meta missieru kellu l-lokazzjoni tal-post, dan missieru, li miet fil-mori tal-kawza, kien jghaddi regolarment ghall-ghalqa tieghu mill-access provvdut mill-post imsemmi fi Triq Sansun.  Fir-rigward, il-perit tekniku jaghti fir-relazzjoni tieghu (fol. 96 tal-process) esposizzjoni minuzzjuza tal-fatti, il-kuntratti, l-konfigurazzjoni tal-passagg, u aspetti ohra ta' indoli teknici;

Minn naha tieghu l-konvenut jiskarta ghal kollox l-aspett dwar il-pussess legittimu u "*di diritto*", espost minn Ricci, kwotat ukoll minnu, u jikkontendi illi minn dak li rrizulta minn xhieda estranei prodotti minnu l-attur ma kellux il-pussess materjali, gjaladarba dawn tennew li lill-attur ma jafuhx u qatt ma rawh fil-post. Ta' min jirrileva illi l-attur, allura l-missier ta' wiehed mill-eredi subentrati fil-gudizzju u li inzerta jismu Joseph ukoll, miet fis-26 ta' April 1986 (certifikat esebit a fol. 44) mentri x-xhieda tal-konvenut offrew id-deposizzjoni taghhom bosta snin wara. Gustament ghalhekk gie rilevat mill-atturi fid-dibattitu orali illi dawn ix-xhieda ma kienux qed jirreferu propjament ghal missier, l-attur originarju, li kien joqghod Ghawdex, izda pjuttost ghal ibnu, li kien jghix Malta, u dan sa' minn bosta snin qabel;

Mill-fatti akkwiziti ghalhek jirrizulta sodisfacentement illi l-attur kellu l-pussess tal-passagg in kwistjoni mil-fond tal-konvenut u li dan il-pussss kien mhux sempliciment wiehed '*di diritto*' jew 'legittimu', izda ukoll pussess materjali u ta' fatt. Wara kollox hu proprju dan l-ahhar aspett li hu rilevanti ghal fini ta' din il-kawza possessorja;

Intant il-konvenut ivventila wkoll il-punt, u dan b'referenza ghal xi decizjonijiet, illi oltre l-element materjali tal-pussess ghas-sostenn ta' l-azzjoni ta' spoll kienet mehtiega wkoll il-prova ta' l-element intenzjonali. Evidentement il-konvenut huwa ignar ghal kollox mill-izviluppi recenti tal-kazistika Maltija fuq dan il-punt, u fejn gie sostenut illi l-'*animus spoliandi*' fl-azzjoni ta' spoll huwa aljen ghas-sistema tal-ligi taghna tant li gie ritenut illi dak li hemm fl-ordinament guridiku taljan huwa immensament differenti minn dak li ghandna ahna. Jidher li l-kwistjoni giet dibattuta u analizzata 'funditus' ghall-ewwel darba fil-kawza fl-ismijiet "**Philip Grima -vs- Joseph Mifsud**", Qorti Kummerc, per Imh. Giuseppe Mifsud Bonnici, 23 ta' Ottubru 1990;

Fid-decizjoni sussegwenti ghal din moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Marzu 1992 fil-kawza "**Carlo sive Charles Cardona et -vs- Francesco Tabone**" intqal dan:-

"B'liema motiv jew animu ghamel dan (b'referenza ghall-konvenut) huwa ghal kollox irrilevanti. Il-ligi taghna -fl-azzjoni ta' l-ispoll - jigifieri fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - ma tatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' l-ispoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab fl-ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi francizi u taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament guridiku taghna."

Aktar ricenti gie osservat illi fl-azzjoni ta' din ix-xorta l-aspett ta' l-'*animo spoliandi*' ma jiffigurax. "Il-ligi taghna hija, a differenza tal-ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela il-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala '*animo spoliandi*'" - "**Il-Prokuratur Legali Anthony Buhagiar -vs- Mikiel Farrugia**", Appell, 11 ta' Novembru 1997. Ara wkoll fis-sens ta' din l-istess tematika d-decizjoni ta' l-istess Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998 in re "**Perit Carmelo Bonanno -vs- John Bartolo et"**;

Jidher ghalhekk li l-gurisprudenza anterjuri li stabbiliet li hu rikjest l-'*animus spoliandi*' fl-agir ta' l-ispoljatur hi ormai sorpassata (“**Dimitry Orlov et –vs- Edward Pavia pro et noe**”, Appell, 14 ta’ Jannar 2002);

Dan stabbilit, il-Qorti tghaddi biex tikkonkludi illi l-elementi kollha ta' l-azzjoni ta' spoll jikkonkorru f'dan il-kaz;

Fl-ahharnett dina l-Qorti thoss li tkun qed tonqos jekk ma tissenjalax l-istmerrija taghha ghal fatt li din l-azzjoni, hekk indubbjament ta' ordni pubbliku, kellha timpjega tmintax (18) il-sena ghar-rizoluzzjoni taghha u dan meta hu pacifiku illi kazijiet konsimili jesigu, in forza ta' l-iskop ta' l-utilita` socjali, li l-istat tal-pussess, li jun gie skonvolt, jigi restawrat bla dewmien. Huwa proprju b'dan in mira li l-ligi stess tahseb li kontra azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji (Artikolu 791, Kap. 12).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti billi tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront ta' l-attur, tikkundanna lill-istess konvenut biex zmien tliet gimghat mil-lum jispurga l-ispoll minnu kommess billi jerga' jiftah il-bieb mill-fond tieghu fi Triq Sansun, Xewkija, Ghawdex u jaghmel dak kollu precizat f'paragrafu 27.0 tar-relazzjoni tal-Perit Frederick C. Doublet, u taht id-direzzjoni ta' l-istess perit li qed jigi nominat ghal dan l-iskop; b'dan illi, fin-nuqqas ta' ezekuzzjoni mill-konvenut ta' l-ordni hawn moghtija, tawtorizza lill-attur jezegwixxi l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut.  Anke f'dan il-kaz kollox irid isir taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-imsemmi Arkitett Frederick C. Doublet.

L-ispejjez ta' din il-kawza huma kollha a kariku tal-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

______________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur